MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2026/2003

**Vodafone Malta Limited
Vs**

**Mary Anne Kelly**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm512.01 (hames mija u tnax-il lira Maltin u centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici cellulari.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-19 ta' Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-15 ta' Marzu 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------